# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 7 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1541/00**

**Numru 27**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Roderick Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tlieta u tletin lira (Lm433) rappresentanti import ta' sebgha (7) kambjali, 1 ta' Lm1 (bilanc), 5 ta' Lm75 il-wahda u l-ohra ta' Lm57 debitament accettati u skaduti minn Frar 2000 sa Awissu 2000 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 ta' Ottubru 2000 jammontaw ghal Lm17 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-istess kambjalijiet enumerati minn wiehed sa sebgha (1 sa 7) a fol 2 sa 8 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici presentata fit-2 ta' April 2001 sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' April 2001, fil-25 ta' April 2001 u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2001 a fol 17 tal-istess atti.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm433.00,0 kif ukoll Lm17 dovuti bhala imghax kummercjali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala sas-26 ta' Ottubru 2000 oltre l-imghax legali ulterjuri mis-27 t'Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000 kontra l-istess konvenut.

Alan Calleja
Dep.Reg

Avviz Nru 1541/00 JAB